# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Keith Falzon**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet miġjuba kontra **Keith Falzon,** detentur tal-karta tal-identita' numru 506080M u omissis fejn ġew akkużati talli:

"nhar 1-14 ta' Ottubru 2015 u.jew fil-jiern u x-xhur ta' qabel minn gewwa BLK Y2,Flat3 , Triq il-Helsien, Oormi u f dawn il-Gzejjer ikkommettejt serq ta' arlogg liema serq huwa aggravat bil-valur li jaqbez il- 232.94 euro izda ma jaqbizx l-2,329,37 euro, bil-peruna u bil- lok ghad-detriment ta' George Falzon u/jew persuni ohra.
U kif ukoll talli : fl-itess dati, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini talartikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati
permezz ta' diversi sentenzi moghtija mil-Oraf ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma iistghux jigu mibdula"

Rat li matul is-seduta tad-9 ta' Jannar 2017 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament.

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu dottor George Buttigieg, għall-mistoqsija jekk kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li huwa ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat li wara li ġie mistoqsi jekk l-Avukat Ġenerali kienx ta l-kunsens tiegħu bil-miktub sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja, l-Uffiċjal Prosekutur wieġeb fl-affermattiv u eżebixxa l-imsemmi kunsens bil-miktub tal-Avukat Ġenerali a fol 7 tal-proċess.

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu, tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu fis-sens li jekk itenni l-ammissjoni tiegħu huwa kien ser jiġi misjub ħati u l-Qorti tgħaddi biex timponi l-piena spettanti skont il-Liġi li tista tkun waħda ta' priġunerija. Wara li tagħtu żmien biżżejjed sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura mill-ammissjoni reġistrata minnu, fil-presenza tal-konsulent legali tiegħu u wara li

kkonferixxa miegħu, l-imputat wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti fid-dawl ta’ tali stqarrija ta’ ħtija inkondizzjonata imtennija m’għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati.

Semgħet lill-Partijiet jitrattaw dwar il-piena infliġġenda u senjatament : -

“L-Ufficjal Prosekutur informa lil Qorti li l-imputat fil-prezent jinsab jiskonta zewg sentenzi u qieghed jistenna sentenza ohra, illi fdan il-kaz pero tenut kont tac-cirkostanzi ta' dan il-kaz u b'mod partikolari tal-fatt illi l-imputat seraq arlogg illi kien jappartient lil missieru izda li gie rritornat l-ghada stess, kif ukoll illi huwa fl-interess tal-hati u tas-socjeta' illi wara li jkun skonta s-sentenza ta' prigunerija huwa jkollu ukoll is-support ta' professjonisti li jistghu jghinuh jibqa' fit-triq it-tajba, talab lil Qorti biex f’din il-kawza minhabba dawn ir-ragunijiet specjali u eccezzjonali, il-Qorti tqieghdu taht ordni ta' probation fil-massimu taghha.

Id-difiza tiddikjara li taqbel mas-sottomissjonijiet ta' l-Ufficjal Prosekutur.

Deher ukoll George Falzon, missier Keith Falzon illi ddikjara illi huwa minn naha tieghu ghamel il-kwerela il-ghaliex verament ibnu hadlu l-arlogg minghajr il-kunsens tieghu u ghamel dan minhabba li ibnu ried jissellef xi flus illi hu hasibhom li sejjer juzahom biex ikompli jabbuza mid-droga. Tenna pero illi fil-waqt illi huwa ried illi jkompli b'din il-procedura il-ghaliex kien mehtieg illi ibnu jiehu lezjoni ma xtaqx illi jara li l-piena ta' ibnu tkun wahda ta' prigunerija u dan b'mod partikolari minhabba l-fatt illi l-arlogg li kien seraq ibnu taghhulu lura l-ghada.”

***Ikkunsidrat***

Il-Qorti fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ tqis illi dak mistqarr mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza jagħmel sens dment li l-imputat

idaħħalha f'moħħu illi għal ġid tiegħu stess u għal ġid tal-familja tiegħu jagħmel l-almu tiegħu biex jinqata' mill-vizzju tal-abbuż tad-droga.

# ***DEĊIDE***

Li wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261(c)(d)(e), 267, 279(a) u 289 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħda ssib lil **Keith Falzon**, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess, ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Kwantu għall-piena il-Qorti rat li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, u wara li nqabad, għamel sforz biex l-oġġett misruq jiġi ritornat lura. Apparti minn hekk huwa ammetta l-ħtija tiegħu mal-ewwel opportunita li kellu u għalhekk evita li jtawwal dawn il-proċeduri. Iżda l-Qorti tqis lill-imputat reċidiv fir-reat ta' serq. **B'hekk** wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tqiegħdu taħt ordni ta' probation għal perjodu ta' tlett snin suġġett għall-kundizzjonijiet imsemmija fl-istess ordni ta' probation inkluż u b'mod partikolari dik numru 5 illi għandu joqgħod għal kwalunkwe ordni jew direttiva mogħtija lilu minn żmien għal żmien mill-Uffiċjal tal-Probation relattivament għal kull programm jew trattament li jkun meħtieġ lilu sabiex jinfatam darba għal dejjem mill-vizzju tal-abbuż tad-droga.

**Inoltre** il-Qorti tiddikjara li hija spejgat bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn din l-ordni tal-probation kif ukoll il-

konsegwenzi li l-ħati jkollu jaffaċċja fil-każ li huwa jonqos milli jsegwi skrupolożament il-kondizzjonjiet kollha imposti fuqu b'din is-sentenza u b'mod partikolari li huwa jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

***Mogħtija illum id-disgħa ta' Jannar elfejn u sbatax fil-Bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***